MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Numru. 693/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**JOSEPH MIFSUD**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH MIFSUD,** ta’ 56 sena, iben il-mejjet Anthony u Mary xebba Borg, imwieled Birkirkara, fid-19 ta’ Lulju 1955, residenti 174, St Mary, Triq il-Kbira, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 503455(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-4 ta’ Lulju 2012 ghal habta tad-disgha neqsin ghoxrin ta’ filghaxija:

1. Gewwa Ta' Paris, B'Kara ikkommetta hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni KRN 307 ghad-dannu ta' Clinton Mifsud minn B'Kara, liema hsara tammonta ghal valur ta' €878.06
2. Ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Elena Mifsud skond kif iccertifikata minn Dr L Gatt mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta
3. Talli hebb ghal Maria Elena Mifsud, Clinton Mifsud u Tiziana Mifsud sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jghamlilhom hsara
4. Talli qal kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku
5. Talli volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied
6. Talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Maria Elena Mifsud, Clinton Mifsud u Tiziana Mifsud biza' li ser tintuza' vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom
7. Talli hedded lil Clinton Mifsud b'xi delitt li flimkien mat-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni
8. Talli sar ricediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Maria Elena Mifsud, Clinton Mifsud u Tiziana Mifsud billi jigu applikati l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom ic-certifikat tat-twelid tal-imputat Dok CF1, il-fedina penali tal-imputat Dok CF2, il-kunsens tal-Avukat Generali Dok CF3 u stqarrija Dok CF4.

Rat illi fl-atti ta' din il-kawza l-imputat iddepozita l-karta tal-identita' u l-passaport tieghu hekk kif ordnat fid-digriet dwar il-liberta' provizorja.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fosthom ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur **Spettur Carol Fabri** li xehdet nhar id-29 ta' Novembru 2012 fejn iddikjarat illi fl-4 ta' Lulju 2012 kienet stazzjonata l-ghassa Birkirkara fejn is-Surgent 1157 Bertly Aquilina kien infurmaha li kienu marru fuq incident fejn ragel kien mar fejn joqghod ibnu b'kanna tal-

hadid, beda’ jaghti fuq vettura u sussugwentament kemm il-familjari, ir-ragel, il-mara u t-tfal gew fl-idejn. Hija spjegat li l-ghada marru jkellmuh u r-ragel innega li kien hu li kien ta b’din il-hadida fuq il-vettura kif ukoll li ghamel xi griehi hfief fuq il-parijiet l-ohra.

L-Ispettur esebiet il-kanna li allegatement giet uzata biex issir il-hsara fuq il-vettura tat-tifel tieghu kif ukoll hija l-istess kanna li allegatament is-sur Mifsud ghafas lill-ibnu mal-hajt. Pero’ f’hin minnhom waqt l-istatement huwa qal li ibnu qabez ghalih, aktar milli ipprova jiggieled mieghu. Din il-kanna giet ezebita u mmarkata mill-Qorti bhala dokument CF. Sussugwentament is-sur Mifsud qal li ftit qabel hu kien qabbad investigatur privat biex jara x’inhi taghmel il-mara tieghu li bhalissa ghaddejjin f’kaz ta’ separazzjoni. L-incident beda meta t-tifel tieghu kien ra lil dan l-investigatur, hadlu l-camera u ovjament dan l-investegatur ried il-camera lura. L-imputat mar ghand ibnu biex jaghtih il-camera u hemm inqalghet il-glieda kollha. L-Ispettur esebiet ukoll il-camera in kwistjoni li hija video camera, battery u tape mhux uzat li gew immarkati komplessivament bhala Dok CF1.

L-ispettur esebiet ukoll ritratti li ttiehdu kemm tal-kanna kif ukoll id-daqqiet li saru fuq il-vettura tat-tifel tieghu. Dawn ir-ritratti jinsabu go envelopp kannella u hemm tlettax-il ritratt, liema ritratti gew immarkati komplessivament Dok CF2. Hija esebiet ukoll ritratti li ttiehdu mill-mara tieghu tal-griehi li sofriet, li huma tnejn u li jinsabu go envelopp kannella iehor u li gew immarkati Dok CF3. Gew esebiti wkoll ic-certifikati ta’ Tiziana Mifsud u ta’ Maria Elena Mifsud li gew immarkati bhala Dok CF4 u Dok CF5 rispettivament. L-ispettur esebiet ukoll ricevuta li tat lil Clinton Mifsud tal-camera li haditlu, u li giet immarkata bhala Dok CF5. Gew esebiti wkoll kopja tal-istima tal-hsarat li saru fuq il-vettura minghand Michael Debono li giet immarkata Dok CF6, kif ukoll erba’ sentenzi moghtija minn din il-Qorti li gew immarkati bhala Doks CF7, CF8, CF9 u CF10 rispettivament. Fosthom hemm ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell. Hija sostniet li ma marritx fuq il-post u ghalhekk din kienet ix-xhieda taghha.

**L-Ispettur Carol Fabri** regghet xehdet fis-6 ta' Marzu 2013 fejn iddikjarat li hija kienet rat lill-imputat l-ghada tal-incident. Huwa kien liebes flokk isfar bil-quddiem imqatta. Filfatt kienet tat struzzjonijiet sabiex jigi ezaminat minn mediku izda hija ma ratx griehi per se. Kien ghalhekk li hija ordnat li jigi ezaminat minn tabib. Mistoqsi jekk kienx hemm xi certifikat mediku fil-konfront ta' Joseph Mifsud qalet li iva filfatt dawn jinsabu inseriti fil-proceduri li ghadhom sommarji fil-konfront tal-familjari Mifsud. Hija ppromettiet li tesebixxi kopja ta'dan ic-certifikat mediku fis-seduta li jmiss.

**Is-Surgent 1157 Bertly Aquilina** xehed fid-29 ta' Novembru 2012 fejn iddikjara li fl-4 ta' Lulju 2012 ghall-habta tad-disgha neqsin ghoxrin, cemplet l-ghassa certu Tiziana Mifsud, li kienet qed tibki u qalet li kien hemm missier ir-ragel taghha taht il-gallarija taghhom, beda jidghi u kellu kanna f'idu, cioe' taht il-gallarija ta' Clinton Mifsud, u cioe' fl-indirizz Flat 8, Ta' Paris, Block C5, B'Kara. Hi qaltlu li kellu kanna f'idu u kien sejjer ghall-vann biex jaghmillu xi hsara. Is-surgent immedjatament telaq mill-ghassa u mar fuq il-post fejn sab lil Joseph Mifsud u lill-ibnu Clint Mifsud imqabbdin f'xulxin. Huwa gharaf lill-imputat odjern bhala Joseph Mifsud li kien prezenti fl-awla. Huwa firidhom u ha l-verzjonijiet taghhom.

Sadanittant harget Maria Elena Mifsud li tigi l-mara tal-imputat odjern b'kanna tal-hadid f'idejha li haditha minn fejn l-iskips u qaltlu li biha beda jaghti fuq il-vann. Din il-kanna hija ezebita l-Qorti u giet immarkata bhala Dokument CF. Is-Surgent spjega illi huwa fired il-partijiet, ghamel lil Joseph Mifsud ghalih u beda jkellem lil Clint Mifsud li jigi iben Joseph Mifsud fejn stqarr illi missieru mar hemmhekk minhabba xi camera tar-ritratti li kien ha minghand xi investigatur privat li kien qabbad missieru biex jimxi wara ommu u sakemm nizel minn fuq ghal isfel sabu jaghti fuq il-vann tieghu KRN 307.

Mistoqsi mill-Qorti jekk rax il-vann in kwistjoni qal li iva dakinhar ezaminah u jaf li kien hemm tliet daqqiet. Il-vann huwa Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni KRN 307.

Il-mara ta’ Joseph Mifsud u cioe’ Maria Elena stqarret mas-Surgent illi lilha kien taha xi daqqa go wiccha fil-konfuzjoni malli marret tifridhom. Mistoqsi jekk rax xi tbengil jew demm fuq wicc Maria Elena, qal li jaf li kellha xi hmura. Huwa nizzel lil Joseph Mifsud l-ghassa ta’ Birkirkara u tawh is-soliti kondizzjonijiet u minn hemm ittiehed fic-Centru tas-Sahha tal-Furjana ghal certifikat minhabba xi griehi li kien garrab. Wara ittiehed il-lockup fejn is-Surgent halla f’idejn l-Ispettur Carol Fabri. Is-Surgent esebixxa kopja ta’ okkorrenza relattiva liema okkorrenza hija iffirmata minnu u giet immarkata bhala Dokument PS.

In kontro-ezami s-Surgent gie muri sett ritratti immarkati bhala Dok CF2 u ddikjara li dawn huma r-ritratti tal-karozza in kwistjoni bid-daqqiet fuqha. Huwa gie muri wkoll ir-ritratt immarkat bhala CF u qal illi dan ukoll qed juri l-kanna li hi ezebita l-Qorti. Gie muri wkoll ir-ritratti immarkati bhala Dokument CF3 u spjega li dawn huma ritratti ta’ Maria Elena Mifsud fejn juru l-hmura f’wiccha. Mistoqsi minn fejn harget Maria Elena, qal li meta huwa wasal fuq il-post huma kienu kollha madwar xulxin. Pero’ jaf li f’xi hin Maria Elena infirdet minn maghhom u marret hdejn skip biex gabret il-kanna li hawn ezebita l-Qorti. Mistoqsi jekk diga kellhiex xi hmura f’wiccha jew le, wiegeb li l-hmura kienet diga’ hemmhekk. Maria Elena kienet qalet lis-surgent li kien l-imputat odjern li kien taha xi daqqa.

**PS 1157 Bertly Aquilina** reggha xehed fis-6 ta’ Marzu 2013 in kontro-ezami fejn iddikjara li meta huwa qal li Joseph Mifsud u Clinton Mifsud kienu mqabdin f’xulxin ried ifisser li kienu qeghdin igebbdu lil xulxin b’mod fiziku, u cioe’ t-tnejn li huma jgebbdu lil xulxin. Huwa tenna li l-kanna ngiebet minn hdejn l-iskips. Ix-xhud jiftakar li Maria Elena Mifsud gabitlu l-kanna minn hdejn l-iskips. Jekk l-imputat kien attiralu l-attenzjoni ghal dan il-fatt jew le huwa ma jiftakarx illum il-gurnata. L-ewwel darba li kienet issemmiet il-kanna mieghu kienet meta cemplitlu Tiziana Mifsud u qaltlu li l-imputat kellu kanna f’idejh u kien sejjer fid-direzzjoni tal-vann taghhom. Huwa dak il-hin qata’ u mar fuq il-post. Huwa jiftakar li meta mar fuq il-post ra lil

Maria Elena gejja bil-kanna f'idejha u rreferiet li l-imputat kien ta daqqiet lill-vann bil-kanna li kellha f'idejha. Mistoqsi jekk huwa staqsiex ghaliex kienet lejn l-iskips, qal li dak il-hin kien hemm hafna agitazzjoni u ma dehrlux li kien mument biex jistaqsi din id-domanda. Huwa kkonferma li dak il-hin Joseph Mifsud kellu xi hwejjeg imqattghin. Huwa jaf ukoll li kellu xi hmura fuq il-persuna tieghu. Meta huwa ra lil Clinton u lil Joseph imqabdin f'xulxin rahom fil-faccata tal-karozza fejn kien hemm Clinton Mifsud u kienu qrib il-karozza ta' Joseph Mifsud. Mistoqsi jekk hadux lil Joseph Mifsud biex jimmedika ruhu wiegeb li iva kienu haduh.

**Maria Elena Mifsud** xehdet fid-29 ta' Novembru 2012 fejn iddikjarat li tigi mart l-imputat odjern. Hija tiftakar li fl-4 ta' Lulju 2012 kienet qieghda ghand il-habiba taghha u kienet qed tistenna lit-tifel ghax kellu jmur id-dar tieghu. Kif gie t-tifel ghaliha qalilha '*ma hawn dawk iz-zewg irgiel, dawk li qed jigu hdejn il-flat tieghek*', u qalilha '*stennieni hawnhekk halli mmur nara xi jridu'*. It-tifel taghha li jismu Clinton mar u kif gie qalilha '*ma ara biex qeghdin jigru warajk'*, gab video camera mieghu u qalilha '*issa jekk iriduha, imorru l-ghassa'* u dahlu gewwa.

Ix-xhud giet murija video camera li hi esebita l-Qorti u qalet li din hija l-istess wahda li kien ha mieghu dakinhar it-tifel. Mistoqsi jekk hija kinitx rat lil dawn iz-zewgt irgiel qabel, qalet li iva, filfatt kienet rathom hdejn it-tifel u hdejn il-flat. Hija spjegat li kienet bezghat minnhom, peress li hi tghix wahedha u kienet cemplet lit-tifel. Hija spjegat ukoll li kienet diga' rathom lil dawn iz-zewg irgiel qabel kienet marret ghand il-habiba taghha dakinhar. Kif mar it-tifel huma marru l-flat, kienet marret ghandu hi u qisu xi tliet kwarti wara semghu brejk qawwi, u hija harget tigri fil-gallarija biex tara x'gara. Hija rat lir-ragel taghha taht il-gallarija li beda jghajjat kemm jiflah lit-tifel, '*Clinton, Clinton inzel'*. Hija qalet lit-tifel taghha biex johrog. X'hin hareg staqsieh *'xi trid'* u hu qallu '*nizzili l-video camera'*, qabez it-tifel u qallu '*le, dawk jekk irridu, irridu imorruli l-ghassa biex naghtihielhom*'. Sussegwentement ir-ragel taghha beda jghajjat u jidghi u ried bilfors il-video camera izda t-tifel ma riedx jaghtihielu. L-imputat imbaghad qallu

‘*jekk m’intix ser tnizzilli l-video camera ser infarraklek il-van*’. Qabez it-tifel u qallu ‘*ara ma tmisslix il-van’*. Beda jghajjat u jidghi, u qallu ‘*qed ngidlek jekk mhux ser tnizzilhieli ser infarraklek il-van’*. Fil-pront ir-ragel taghha fetah il-bagoll tal-karozza, hareg hadida u l-ewwel zewg daqqiet li ta kienu fuq il-karozza tieghu, u gera ghal fuq il-vann u beda jaghti kemm jiflah fuq il-vann. Hija sostniet li l-kanna li hawn esebita l-Qorti mmarkata bhala dokument CF hija l-istess kanna li hareg biha r-ragel. L-imputat ta l-ewwel zewg daqqiet fuq il-bagoll tieghu, u mbaghad gera ghal fuq il-vann tat-tifel u beda jaghti kemm jiflah fuq il-vann. It-tifel taghha x’hin rah jaghti fuq il-vann nizel jigri, filwaqt li x-xhud bezghat li ser jaghtu. Hija gieghlet lill-mara tat-tifel biex iccempel l-ghassa u hi nizlet tigri wara t-tifel. Hija sabet lit-tifel jipprova jehodlu l-kanna biex ma jibqax jaghti fuq il-vann. Kif waslet hdejhom bdiet ukoll tipprova tigbed l-kanna lejhom biex jehduhielu. Hija tenniet li r-ragel taha daqqa ta’ ponn go widnejha, u ghamlet erba’ sieghat ma tismax u qaltlu ‘*taf li erfajt idek fuqi?*’ u qalilha ‘*ersaq l-hemm ghax naghtik ohra fuq tan-naha l-ohra*’. Wara hi ma kelmitu xejn. Sussegwentement nizlet il-mara tat-tifel x’hin cemplet l-ghassa u beda jghajjarha. Il-mara tat-tifel bdiet tibki ghax rat li gie biex ikkissrilhom il-van. Il-mara tat-tifel jisimha Tiziana Mifsud. Fil-pront waqaf ragel li lanqas jafuh, nizel u hatfilhom il-kanna minn idejhom, ramiha taht ic-cint u telaq, u fil-pront gew il-pulizija.

Ix-xhud ikkonfermat dak li qalet il-pulizija li hija marret tigbor il-kanna minn hdejn ic-cint u mbaghad tatilhom. Dan ghamlitu sabiex turi l-pulizija biex kien qed jaghtihom ir-ragel. Ix-xhud giet murija sett ritratti li huma mmarkati bhala dokument CF2 u qalet li dawn huma ritratti tal-vann in kwistjoni li gie milqut mill-imputat, kif ukoll tal-kanna in kwistjoni. Hija giet murija wkoll sett ritratti ohra li huma bhala dokument CF3 u qalet illi dawn huma ritratti taghha. Ix-xhud spjegat li dawn ir-ritratti gew mehuda ghand wiehed li jigbed ir-ritratti, ghandu hanut hdejn l-iskola gewwa B’Kara. Dawn ir-ritratti juru wiccha u stqarret li hija kienet marret tiehu dawn ir-ritratti l-ghada tal-incident.

Hija taf li meta r-ragel taghha mar hdejn id-dar tat-tifel, huwa beda jghajjat kemm jiflah u jitlob it-tifel biex inizzillu l-video camera. Hija taf ukoll li beda jidghi u jitkellem hazin. Meta nizlet il-mara tat-tifel, certu Tiziana zewgha beda jghajjarha, u jghidilha li hija taqliba lir-ragel. Mistoqsi kif semghat dan id-diskors, wiegbet li kienet propju vicin taghhom.

Mistoqsija fejn kellha l-griehi, qalet li kellha l-griehi f'idejha u d-daqqa ta' ponn f'widnejha u ghamlet erba' sieghat ma tismax. Mistoqsija kif spiccat bil-ferita fuq dirghajha wiegbet li meta kienu qed jigbdu kulhadd fuq xulxin, hija, it-tifel u l-imputat, l-imputat qabadha minn dirghajha u taghha daqqa ta' ponn. Meta hija spjegat dak li kien qed jigri bejn binha u l-imputat hija kienet ma' genbhom, hdejn il-vann tat-tifel. Meta mar zewgha fil-bidu, hija kienet ghadha fuq. Mistoqsija min nizel l-ewwel, qalet li kien it-tifel meta rah qed ikissirlu l-vann.

**Maria Elena Mifsud** xehdet in kontro-ezami fit-12 ta' Frar 2013 fejn iddikjarat li qabel ma mar ghaliha t-tifel taghha fl-4 ta' Lulju 2012 hija kienet qieghda l-Iklin, pero' dak il-hin meta gabarha ma qallhiex li kien ha xi camera minghand xi rgiel. Hija tiftakar li dakinhar kien mar ghaliha ghand il-habiba taghha. Filfatt it-tifel kien habbat il-bieb u qalilha li kien hemm minn kien qieghed warajha u qalilha biex tistennih ftit u telaq 'l hemm. Meta gie lura qalilha, 'ma ara x'kellhom f'idejhom dawn it-tlett irgiel,' u uriha video camera. Meta huma marru d-dar tat-tifel din il-camera kienu haduha maghhom. Sussegwentement marru ghand it-tifel u r-ragel mar xi tliet kwarti wara.

Ix-xhud tiftakar li meta semghu brejk kbir barra d-dar tat-tifel, huma hargu jittawlu mill-gallarija. Ir-ragel taghha ipparkja l-karozza taht il-gallarija, u l-karozza tat-tifel kienet faccata tal-gallarija. Hija spjegat li r-ragel taghha beda jghajjat *"Clint, Clint nizzilli dik il-video camera"* u mbaghad qallu, *'jekk mhux ser tnizzilieli'*, fetah il-bagoll tal-karozza, hareg kanna minnha u beda jghid li kien ser ikisser il-vann bil-kanna. Sakemm ir-ragel taghha kien taht il-gallerija, it-tifel baqa' fuq hdejn ix-xhud. It-tifel qallu '*ara ma jfettilekx tmiss il-vann'*, u t-tifel qallu *'jekk trid il-*

*camera, jew mur ghand il-pulizija jew gib dawk l-irgiel hawn'*. Il-kanna kienet kbira, kwazi itwal minnha sostniet ix-xhud. It-tifel taghha nizel meta ra lill-missieru jaghti bil-kanna fuq il-vann tieghu. Meta t-tifel ra lill-missieru ser jaghti fuq il-vann bil-kanna, dan nizel jigri u hi gieghlet lill-mara tat-tifel biex iccempel l-ghassa.

Ix-xhud rat ir-ritratti esebiti fl-atti a fol 41 u spjegat li f'dawk ir-ritratti hemm il-kanna in kwistjoni. Fost dawn ir-ritratti hemm ukoll ir-ritratti tal-vann tat-tifel immarkati bhala Dokument CF2, u dawn juru d-daqqiet li huwa sofra. Mistoqsija jekk ratx lir-ragel jaghti daqqiet fuq il-vann, qalet li iva meta nizlet, ratu li kien ghadu qed jaghti d-daqqiet. Mistoqsija kif it-tifel spicca fl-idejn ma' missieru qalet li t-tifel prova jiehu l-kanna minn idejn missieru. Hija meta waslet hdejhom ippruvat tigbed il-kanna hija wkoll, pero' huma ma tawx. Hija ddikjarat li hadd ma ta lir-ragel taghha. Ix-xhud taf pero' li r-ragel taghha ta daqqa ta' ponn lilha stess go widnejha u ghamlet erbat ijiem ma tisma xejn. Hija qaltlu, '*taf li erfajt idejk fuqi?*' u hu wegibha '*ersaq l-hemm ghax naghtik daqqa n-naha l-ohra'*. Naturalment hija bdiet tisma bil-widna l-ohra. Id-daqqa kienet fuq in-naha tax-xellug tal-widnejn fil-parti tal-wicc. Mistoqsija kif zewgha spicca bil-hwejjeg imqattghin wiegbet li jista' jkun li ntlaqat bil-kanna u sostniet li mhux vera li huma missewh f'xi hin. Waqt li kienu qed jissaraw mieghu biex johdulu l-kanna, hija taf li waqaf ragel, ma tafx min hu, u hadielu hu minn idejh u waddabha wara l-iskip. Pero' huma ma jafux min kien dan ir-ragel pero' lill-pulizija kienu qalulu bih.

**Tiziana Mifsud** xehdet fid-29 ta' Novembru 2012 fejn iddikjarat illi hi tigi mart Clinton Mifsud u taf li l-imputat odjern jigi missier ir-ragel taghha. Hija tiftakar illi hi kienet qieghda d-dar u f'daqqa minnhom semghat hafna ghajjat minn barra u rat lir-ragel taghha jinzel jigri isfel mid-dar. Omm ir-ragel dahlet gewwa mill-gallarija u qaltilha biex iccempel l-ghassa ghax gie missier Clint u beda jghajjat u kien ser ikissrilhom il-vann. F'salt wiehed semghat daqqa. Kif ix-xhud harset mill-gallarija rat lill-imputat jaqsam it-triq in-naha tal-vann taghhom b'kanna f'idu. Huwa ta daqqa fuq il-vann tar-ragel taghha u hija dahlet gewwa biex

iccempel lill-pulizija. Sadanittant omm Clint nizlet ukoll u kif ix-xhud infurmat lill-ghassa x'gara, poggiet ir-receiver f'postu u nizlet isfel ukoll. Hija harget barra u marret hdejhom. Kif l-imputat raha li waslet kwazi hdejhom, huwa dar u kien ha jhebb ghaliha wkoll. Hija stqarret illi x'hin bdew jimbuttaw, hija spiccat b'legament f'idejha maqtuh ukoll. L-imputat insulentaha u qalilha li hi kienet tibdel lir-ragel u kienet iddahhal irgiel ohra meta ma jkunx hemm ir-ragel ghax ikun ghax-xoghol u affarijiet hekk. Hija giet murija Dok CF u qalet li din hija l-kanna involuta fl-incident. Ix-xhud in segwitu kienet marret il-Mosta Polyclinic fejn gabet certifikat mediku dwar il-feriti li kellha. Dan gie immarkat mill-Qorti bhala Dokument CF5.

**Tiziana Mifsud** xehdet fit-12 ta' Frar 2013 in kontro-ezami fejn iddikjarat li rat lill-imputat jaghti daqqiet bil-kanna lill-vann meta harget fil-gallarija u kienet qed iccempel l-ghassa. Hija qalet li dak il-hin Clinton kien diga' nizel isfel filwaqt li omm ir-ragel taghha kienet hdejha u qaltilha biex iccempel l-ghassa u mbaghad nizlet isfel hija wkoll. Hija kienet gewwa meta semghet l-ewwel daqqa. Ix-xhud ratu jaghti l-ewwel daqqa waqt li kienet fil-gallarija u mbaghad dahlet gewwa biex iccempel l-ghassa u sakemm nizel Clinton kien diga ta l-ewwel daqqa fuq il-genb. Hija ddikjarat li hemm zewg daqqiet fuq il-vann taghha.

Ix-xhud spjegat li omm ir-ragel taghha kienet hdejha fil-hin li rat lill-imputat jaghti l-ewwel daqqa fuq il-vann taghha. Wara li cemplet l-ghassa ix-xhud nizlet ukoll. Hija meta nizlet isfel qasmet it-triq u appena raha l-imputat kien ser ihebb ghaliha izda r-ragel taghha ma halliehx. Sussegwentement taf li bdew jimbuttaw lil xulxin u jiggieldu l-imputat u r-ragel taghha. Ix-xhud u omm ir-ragel taghha ippruvaw iferquhom. Hija sostniet li zgur li ma missitux lill-imputat. Hija ma marritx biex tferraq. Li taf hu li l-imputat kien dar ghaliha izda r-ragel ma halliehx. Sadanittant kienu waslu l-pulizija u waqaf ragel li ma tafx min hu fejn ha l-kanna minn idejn l-imputat. Dan ir-ragel mar qabel ma waslu l-pulizija u ddikjarat li dan ir-ragel ghadha ma tafx min hu sal-lum.

**Clinton Mifsud** xehed fit-3 ta' Jannar 2013 fejn gie infurmat mill-Qorti li huwa ghandu xelta biex jekk irid ma jixhIdx peress li l-imputat huwa missieru. Nonostante dan huwa ghazel li jixhed. Huwa jiftakar li fl-4 ta' Lulju 2012 huwa kien mar jigbor lil ommu minn post gewwa l-Iklin, u meta mar fuq il-post sab persuni li kien diga' rahom warajh f'okkazjoni precedenti. Huwa mar fuqhom biex jara ghalfejn kienu qeghdin isegwuh u jaf li f'idejhom kellhom video camera. Meta huwa staqsihom x'kienu qeghdin jaghmlu wiegbuh li ma kinitx bicca tieghu. Ix-xhud stqarr illi fil-fatt ha l-video camera minn idejh, mar jigbor lil ommu bil-video camera f'idejh u telaq lura lejn id-dar ma' ommu.

Huwa kompla jispjega li xi siegha wara sema' brejk taht it-tieqa tar-residenza tieghu, u cioe' gewwa Ta' Paris, B'Kara. Huwa hareg jittawwal mit-tieqa u ra lil missieru li gharaf prezenti fl-Awla bhala l-imputat u dan beda jghajjat kemm jiflah u dan sabiex jinzel u jaghtih lura l-video camera. Ommu ma hallitux jinzel, imbaghad dahal gewwa u sema lil missieru jghajjat li jekk ma kienx ser jinzel kien lest li jkissirlu l-vann. Sakemm ix-xhud dahal gewwa beda jisma' xi daqqiet, u nizel jigri u sabu jaghti fuq il-vann. Ix-xhud ghandu vann tal-ghamla Toyota Pickup bin-numru tar-registrazzjoni KRN 307.

Ix-xhud ra l-istima mahruga minn Michael Debono Limited, mmarkata mill-Qorti bhala dokument CF6 esebita a fol 48 tal-process u qal li din hija stima fejn hemm indikat il-hsarat sofferti fil-vettura tieghu u li jammontaw ghal €878.06. Fil-fatt qal li din hija l-istess stima li huwa ghadda lill-ispettur.

Ix-xhud gie muri sett ritratti li jinsabu inseriti fl-atti go envelope kannella, a fol 41 tal-process. Huwa spjega li fuq dawn ir-ritratti hemm indikat id-daqqiet li saru fuq il-vettura tieghu ta' kulur ahdar. Huwa stqarr li l-istima li ghandu, ghandha effett biss ghal tletin jum. It-tieni sett ta' ritratti li gew murija lilu, u li jinsabu fl-istess envelopp a fol 41 tal-atti jindikaw kanna. Ix-xhud sostna li din il-kanna kienet f'idejn missieru meta nizel mid-dar. Ix-xhud ma rahx jaghti biha. Huwa qal li kien hemm xi hin meta missieru prova jxejjer din il-kanna fid-direzzjoni tax-xhud pero' hu ma

halliehx, fis-sens li huwa laqghalu ghax imbaghad dahlet l-omm u x-xhud jaf li refa’ jdejh fuq ommu. Huwa jaf li ta daqqa ta’ ponn. Huwa sostna li fl-ebda hin ma uza din il-kanna fuq missieru.

**Clinton Mifsud** xehed in kontro-ezami fis-6 ta’ Marzu 2013 fejn iddikjara li meta ra lil dawk it-tnejn min-nies kienu qed isegwuwhom huwa mar fuqhom u kkonfrontahom. Huwa kien qalilhom li l-camera li kien hemm fuq is-seat tal-karozza li kienu rekbin kien ser johodha u filfatt hadha. Fl-ebda hin ma rrezistew biex johodha. Ix-xhud cahad li missieru qabel ma mar id-dar taghhom kien cemplilhom minn qabel. Huwa ra lill-missieru jaghti bil-kanna fuq il-vettura tieghu u meta missieru qallu biex inizzel il-camera ghax kien ser jibda jaghti fuq il-vettura tax-xhud, huwa nizel isfel u sab li kien diga’ ta fuq il-vann tieghu pero’ huwa ma rahx jaghti fuq il-vann tieghu. Ix-xhud staqsieh ghaliex kien ser ikissirlu l-vann u qallu biex jaghtih il-camera u wiegbu li l-camera ma jaghtihielux, izda biex jaghtiha kellu jmur sidha ghaliha.

Ix-xhud stqarr li l-video camera hadha sabiex jara x’fiha. Missieru beda jinsisti biex jaghtih il-camera u x-xhud wiegbu li l-camera ma kienx ser jaghtihielu. Wara nizlet ommu sabiex ma jigux fl-idejn u appena nizlet, jaf li l-imputat taha daqqa ta’ ponn. Huwa tenna li ommu nizlet biex tevita li huwa u missieru jigu fl-idejn. Sa dak il-hin kienu ghadhom ma gewx fl-idejn. Huwa ddikjara li missieru ta daqqa ta’ ponn f’widnejn ommu. Sussegwentement nizlet il-mara tax-xhud biex tara x’kien ghaddej u missieru prova jhebb ghaliha wkoll. Huwa sostna li hadd minnhom ma hebb ghal missieru. Hadd ma miss lill-missieru. Huwa ma jafx li kellu xi griehi, pero’ jista’ jkun li kellu hwejjeg imqattghin x’hin huwa beda jzommu meta kien ser ihebb ghal ommu jew ghal martu. Ix-xhud jaf li beda jzomm lill-missieru b’id wahda u bl-id l-ohra beda jzomm il-kanna biex ma jaghtix biha. Missieru kien qed izomm din il-kanna b’idejh it-tnejn. Il-kanna in kwistjoni hija wahda twila izda ma jafx ghal xiex tintuza din il-kanna.

**Johann Borg** xehed fid-9 ta’ Jannar 2013 fejn iddikjara li huwa jahdem mas-socjeta’ Michael Debono Limited, ta’ Toyota gewwa Haz-Zebbug u jiehu hsieb il-garaxx fejn isir ix-xoghol tal-mechanics, panel beating u sprays. Huwa gie muri d-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala dokument CF6 a fol 48 tal-process u qal li dan id-dokument hareg mill-garaxx taghhom. Kien hu filfatt li kien ra din il-karozza u ghamel l-istima fuqha. Huwa stqarr li meta raha vizwalment seta’ jinnota li kellha xi daqqiet ghax kellha hsarat fuq in-naha tal-lemin tal-mudguard, fuq ix-xellug u fuq il-bieba ta’ wara.

Ix-xhud gie muri numru ta’ ritratti esebiti f’dawn l-atti u qal li dawn huma d-daqqiet li huwa ra fuq il-karozza u li skont il-fehma tieghu biex jitrangaw dawn id-daqqiet hemm bzonn spiza ta’ tmien mija u tmienja u sebghin ewro (€878). Huwa gie muri ritratt ta’ bicca hadida, u fil-fehma tieghu dawn id-daqqiet setghu gew ikkagunati b’din il-hadida. Gie muri zewg ritratti ohra kulur kannella u qal li fuq dawn ir-ritratti hemm hadida. Dwar dawn ir-ritratti huwa ma seta’ jghid xejn.

Mistoqsi in kontro-ezami kemm-il daqqa ra, huwa wiegeb li bl-amment ma jafx pero’ ikkonferma li d-daqqiet murija fir-ritratti esebiti huma dawk id-daqqiet li kien ra fil-vettura dakinhar meta kien ezaminha. Huwa sostna li l-vettura kien ezaminha dakinhar li hareg l-istima li hemm esebita fl-atti. Huwa ikkonferma li d-daqqiet in kwestjoni kienu friski.  Huwa stqarr li l-istima tirraprezenta irrangar tad-daqqiet u zebgha u hemm xi parts ukoll li jridu jigu mibdula kif hemm indikat fl-istess stima. Il-partijiet indikati bhala parts li jridu jinbidlu, iridu jinqalghu u jinbidlu u ghalhekk iridu jigu godda. Dawn huma affarijiet bhal per ezempju stickers.

Ix-xhud spjega li l-istima in kwistjoni li harget kienet marbuta biss ghal perjodu ta’ xahar. Ghalhekk bhala spejjez tal-parts dawn jistghu ivarjaw illum, il-labour pero’ ser jibqa’ l-istess. Mistoqsi jekk varjawx qal li fil-prezent ma jafx pero’ dan skont id-differenza tal-kambju.

Rat il-verbal tad-9 ta’ April 2013 fejn l-Ispettur Carol Fabri ipprezentat certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok X u ddikjarat li dan hu vera kopja ta’ dak li hemm ezebit fi proceduri ohra *sub judice*.

**L-imputat Joseph Mifsud** xehed fid-9 ta’ April 2013 fejn jiftakar li fl-4 ta’ Lulju 2012 ghal habta tat-tmienja ta’ filghaxija huwa kien qed jistrieh id-dar u cempillu l-investigatur li huwa kien qabbad fuq il-mara tieghu li jismu Oliver. Huwa spjega li llum il-gurnata hu u l-mara tieghu jinsabu ghaddejjin minn separazzjoni. Dan l-investigatur qallu li t-tifel tal-imputat kien mar ghalih b’lembuba propju fuq il-post fejn kien baghtu l-imputat stess u dan it-tifel kien fetahlu l-karozza u hadlu l-camera. L-imputat staqsieh jekk halliehx jehodlu l-camera u dan qallu iva. L-imputat dak il-hin qallu biex idahhal il-pulizija izda Oliver ma xtaqx u filfatt Oliver qallu sabiex jipprova jkellem lit-tifel bil-kelma t-tajba u jerga’ jiehu lura l-camera. Naturalment huwa lil Oliver qallu li t-tifel kien hadielu sabiex jara x’kien fiha l-camera. Nonostante dan rega’ qallu biex jipprova jiehu lura l-camera bil-kelma t-tajba u l-imputat rega’ qallu li t-tifel ma kienx ser jaghtihielu l-camera.

L-investigatur rega’ cempillu fejn qallu biex imur jigbor il-camera u huwa hekk ghamel, mar ghand it-tifel biex jipprova jigbor il-camera. Huwa mar fil-fond fejn qed jirresjedi t-tifel fejn originarjament kien jghix ukoll, hdejn ta’ Paris. Fil-gallarija ra li kien hemm mart l-imputat u l-mara tat-tifel flimkien ma’ binhom. Kemm il-mara tieghu u kif ukoll il-mara tat-tifel bdew jaghjtu mieghu u jghidulu biex jitlaq u hu qal lil Clinton biex jinzel u jnizzel il-camera mieghu. Huwa dak il-hin kien ipparkja l-karozza tieghu taht il-gallarija taghhom u beda jkellimhom mit-triq minn taht il-gallarija. Huwa dehrlu li z-zewg nisa kienu fil-gallarija qishom kienu qed jistennewh.

Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa kienx gharrafhom li kien niezel ghandhom wiegeb li le ma kienx gharrafhom. Huwa mar sabiex ma jdahhlux il-pulizija kif kien issuggerixxa Oliver. Sakemm huwa kien qed jitkellem maghhom jaf li dak il-hin ghajruh pulcinell, kornut, pufta u affarijiet ohrajn. Nizel it-tifel u ghal darba ohra l-imputat talbu l-camera u

qallu li kien bi hsiebu jmur jaghtiha lil sidha. It-tifel qallu li ma riedx u qallu biex igib il-pulizija jew lil sid il-camera. Dak il-hin huwa kien qed jikkustjona mat-tifel.

Mistoqsi jekk effettivament kellux xi kwistjoni mat-tifel wiegeb li filfatt huwa fil-passat tah hafna flus, sahansitra anke dghajsa ghandu, pero' llum il-gurnata qed icahdu mill-flus li huwa kien sellfu. L-imputat tenna li martu anke lit-tifla qed tipprova xxewwex kontra tieghu. Huwa spjega li effettivament meta kienu isfel kien anke kellmu sahansitra fuq il-flus li kellu jaghtih u kien qallu wkoll biex it-tifel imur mieghu ghand in-nutar biex jiktbuhom minhabba hutu l-ohra. Din hija kwistjoni ta' eluf ta' liri. Sadanittant pero' huma ma ggildux u ma tawx bl-idejn, kienu qeghdin jargumentaw bl-ilsien biss.

L-imputat jaf li l-inkwiet beda meta sussegwentement nizlet il-mara tieghu u l-mara tat-tifel. Huwa jaf li z-zewg nisa gew ghalih sabiex jaghtuh. Huwa kien liebes il-flokk li esebixxa prezenzjalment li huwa mqatta u dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok Z. L-imputat jaf ukoll li in segwitu fegget hadida speci ta' pajp twila, pero' ikkonferma li din ma gabiex it-tifel, dan kien pajp tal-istainless steel. Mistoqsi x'jifhem bil-kelma "fegget" qal li waqt li huwa kien qed jargumenta mat-tifel sab din il-hadida madwar qaddu u qal li effettivament it-tifel pogga din il-hadida madwar qaddu, huwa kien minn wara u kien qed jaghfasha mieghu sabiex l-imputat ma jkunx jista' jiccaqlaq u jmur ghan-nisa. Pero' huwa jaf li n-nisa kienu faccata tieghu t-tnejn li huma kienu qed ixejrulu. Fil-pront l-imputat jaf li waslu l-pulizija.

Mistoqsi jekk f'xi hin rax il-vann tat-tifel tieghu Clint, wiegeb li iva meta wasal jaf li kien ipparkjat faccata u propju fuq in-naha l-ohra tat-triq li ggieldu hemm pjazza kbira. Meta waslu l-pulizija l-imputat jaf li t-tifel tieghu rehieh u telaq il-kanna minn mieghu. Il-pulizija, li jahseb li kien surgent li mar fuq il-post, beda jistaqsieh x'gara, spjegalu li mar biex jirraguna u ma kellux bzonn dan l-inkwiet. Sadanittant jaf li cempillu Oliver ghal darba ohra, ftit wara li waslu l-pulizija u qallu biex ma jdahhalx pulizija u qallu wkoll li xtaq ikellem lis-surgent, ghax filfatt is-

surgent kien ghadu fuq il-post jew ikellem lil ibnu stess. Dak il-hin is-surgent kien qed icempel lill-Ispettura u qallu li s-surgent ma setghax ikellmu ghax kien fuq mobile iehor.

Mistoqsi mill-Qorti min effettivament ta xi daqqiet fuq il-karozza tat-tifel, wiegeb li ma jafx kif spiccat mibruxa u bid-daqqiet. Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament il-karozza kinitx ipparkjata aktar boghod mit-tul tal-awla wiegeb li pressapoco kienet l-istess distanza tal-awla. L-imputat sostna li maghhom ma kien hemm ebda ragel iehor involut fl-incident. Huwa jaqbel li effettivament il-pajp huwa twil cirka hames piedi pero’ ma setghax ikun li din il-kanna giet mill-bagoll tal-karozza ghax fil-bagoll tal-karozza ma tidholx. Mistoqsi jekk kellux xi griehi f’dan l-incident wiegeb li kellu xi grif. Anzi stqarr li kellu griehi u sahansitra anke spicca bir-retina *detached*. Huwa esebixxa certifikati relattivi ghal dan l-incident kif ukoll ir-ritratti li gew immarkati komplessivament mill-Qorti bhala Dokument S. Minn dakinhar l’hawn huwa ghamel zewg operazzjonijiet f’ghajnejh u jonqsu ohra. Huwa stqarr li fl-ahhar tal-incident huwa kien irrimarka lis-surgent li l-mara tieghu kienet qed tahbi l-pajp in kwistjoni wara l-iskips. Fil-fatt is-surgent ghajjat lill-mara u qallha biex tmur iggibu biex johduh maghhom u huma hekk ghamlu.

In kontro-ezami l-imputat gie mistoqsi jekk jistax ikun li dan Oliver fil-fatt kunjomu Abela, u wiegeb li iva kunjomu Abela, u fil-fatt kien qabbdu direttament sabiex isegwi l-passi ta’ martu u naturalment dan sar bil-hlas. Sahansitra kien iffirma kuntratt mieghu. Mistoqsi jekk ghandux licenzja biex jaghmel dan it-tip ta’ xoghol, wiegeb li fil-fehma tieghu ghandu ghax kien staqsieh qabel ma qabbdu. L-imputat ikkonferma li Oliver Abela dak il-hin qallu li ibnu kien mar ghalih b’lembuba, u Oliver kien jinsab propju wara l-bieb fejn baghtu huwa stess meta t-tifel allegatament ha l-camera minn ghandu. Dan skond ma kien qallu l-istess Oliver Abela. Huwa ma kienx jaf li t-tifel qieghed id-dar meta mar pero’ assuma li ser ikun hemm u huwa mar ghax kien baghtu Oliver. Fil-fatt huwa sostna li seta’ mar u ma kienx hemm.

L-imputat ikkonferma li qabel ma mar ma kien qal lil hadd u mar wahdu. Huwa kien ipparkja l-karozza tieghu f'parti mill-parking li jigi taht il-gallarija fejn joqghod it-tifel. Mistoqsi min nizel l-ewwel wiegeb li kien it-tifel Clinton. Huwa jeskludi li dan il-pajp gie f'idejn it-tifel, it-tifel zgur li ma nizzilx il-pajp. Huwa cahad li l-pajp hadu hu. Mistoqsi jekk huwiex minnu li effettivament it-tifel pogga l-pajp ma qaddu wiegeb li iva u kkonferma wkoll li l-pulizija rah il-pajp ma qaddu. Mistoqsi minn kien il-pulizija, wiegeb li kien is-surgent pero' kien fil-kumpanija ta' xi ufficjali ohrajn, kien hemm xi hames karozzi pulizija. Mistoqsi jekk dan is-surgent xehedx fil-procedura odjerna, wiegeb li iva xehed.

Huwa tenna li meta kien qed jigi mizmum mit-tifel bil-pajp beda jxejjer bl-idejn u fil-fatt jista' jkun li meta beda jimbotta li laqat lill-mara u l-mara tat-tifel. L-imputat jaf li laqathom pero' waqt li kien qed jiddefendi, qal kemm il-mara kif ukoll mart it-tifel. Huwa spjega li dejjem ikun bin-nuccali, kif qieghed il-Qorti. Mistoqsi jekk kienx bin-nuccali dakinhar wiegeb li kien, pero' n-nuccali fl-ebda hin ma nkiser. Huwa stqarr li huwa ma qalax daqqa f'ghajnejh imma gie milqut. Huwa effettivament kien gie milqut fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu hdejn ghajnejh. Dak il-hin stqarr li lanqas irrealizza x'kellu ghax id-daqqa ma kienetx kbira.

L-imputat tenna li fil-fatt l-ghada jew il-pitghada kien wehel il-habs ghax naqas li jmantni lill-mara. Waqt li kien il-habs kull ma kien qed jara kien spot bajda, u qal lit-tabib tal-habs u t-tabib qallu li una volta johrog mill-habs kellu jmur l-isptar. Fil-fatt huwa minnu li huwa mar l-isptar fis-26 ta' Lulju wara li kien hareg mill-habs.

Huwa sostna li l-vann ta' Clinton kien rah meta mar fuq il-post. Pero' huwa l-vann ma tax kasu u lanqas id-daqqiet ma ra, fl-ebda hin ma nduna bid-daqqiet. Huwa fl-ebda hin ma ra l-licenzja ta' Oliver Abela. L-imputat ma kellu l-ebda sinjali tal-kanna ma qaddu. Il-kanna in kwistjoni kienet tal-istainless steel u lixxa hafna, huwa garrab grif, daqqa f'ghajnejh li dak il-hin ma giex f'mohhu li seta' jkollha l-konsegwenzi li kellha. Huwa stqarr ukoll li qala' daqqiet

f'nofs il-parti tieghu pero' ma giex milqut ghalkemm seta' gie milqut.

**Oliver Abela** xehed fis-27 ta' Gunju 2013 fejn gie mistoqsi jekk jafx lill-imputat odjern u wiegeb li jafu peress li kien klijent tieghu u kien gie ghas-servizz tieghu bhala nvestigatur. Huwa kkonferma li fit-18 ta' Gunju 2012 kien mar l-imputat u talab is-servizzi taghhom biex igibulu nformazzjoni u jaghmlu *surveillance* fuq il-mara tieghu. Dan peress li l-imputat kellu suspetti li martu kienet qed tahdem u possibilita' li kienet qed tara terzi persuni.

Huwa spjega li l-ewwel darba li marru hassew li l-persuna ma' min kienet il-mara kien induna bihom. Ghalhekk ix-xhud baghat ghall-imputat u meta mar ikellimhom l-ufficcju qallu x'karozza kellu l-persuna nvoluta u wiegbu li dak huwa t-tifel tieghu. Ix-xhud infurmah li una volta jafu bihom huma ma setghux ikomplu jahdmu. Fil-fatt l-imputat qallu li t-tifel tieghu kien qed izomm mal-mara u mhux mieghu u dan wara li allegatament jurih ir-rispett. L-imputat qallu biex ihallih u jkompli bl-inkarigu tieghu.

Ix-xhud tenna li gurnata fost l-ohrajn kien cemplilhom l-imputat ghal habta ta' nofsinhar u baghthom fi Triq Geronima, xi triq partikolari gewwa Birkirkara. Qallu li l-mara kienet ser tkun hemmhekk u kellhom jibdew l-investigazzjoni taghhom minn hemm. Minn informazzjoni li tah, il-mara tieghu kellha tkun f'post partikolari f'dik it-triq partikolari. Huma marru fuq il-post b'zewg karozzi u kienu tlieta min-nies. Huwa kien wiehed minnhom pero' ma kienx qed isuq. Il-jum kien fl-4 ta' Lulju 2012 ftit wara t-tmienja ta' filghaxija. Ix-xhud spjega li tfacca t-tifel tal-imputat li jismu Clint u beda jhares lejhom bl-ikrah. Sussegwentement dahal gewwa u rega' hareg u dahal fil-karozza li kellu u saq ghal fuqhom. Dan beda jiffolowjahom u mbaghad ibblokjahom, waqaf u nizel bit-truncheon f'idejh. F'idejh kellu lembuba tal-lastiku. Huwa tenna li lill-haddiema tieghu jghidilhom biex itellghu t-twieqi u jillokjaw. Sussegwentement t-tifel tal-imputat ha c-cwievet tal-karozza li kienu rekbin fiha l-haddiema tax-xhud, ha l-camera mis-seat ta' wara u fost hafna theddid waddab ic-cwievet lid-driver u telaq 'l hemm bil-camera

f'idejh waqt li beda jghajjat biex ma jsegwux il-passi ta' ommu u affarijiet simili.

Sussegwentement ix-xhud cempel lill-imputat u qallu li l-informazzjoni li tahom ma kinitx tajba u spjegalu l-incident li kellhom ma' ibnu. Ix-xhud qallu biex ihalli xi jumejn jghaddu u jmur ikellem lit-tifel bil-kelma t-tajba u jgiblu lura l-camera. Sadanittant huma cemplu lill-imputat u qallu x'kien gara peress li dak il-hin kien hemm is-surgenta. Sussegwentement jaf li l-imputat cempel lill-mara tax-xhud u gharrafa li kien qieghed il-habs pero' ma kienx jaf fuq xiex. Wara sar jaf bl-istorja. Il-camera in kwistjoni ghadha ghand il-pulizija sal-lum. Mistoqsi jekk l-imputat ghadux klijent taghhom wiegeb li sa fejn kien jaf l-istorja waqfet hemm. Joseph Mifsud l-imputat, li rah prezenti fl-Awla, huwa l-klijent li tkellem dwaru. Huwa ma kienx prezenti ghall-incident li kellu l-imputat. Huwa kien prezenti meta ttiehdet il-camera.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza nhar it-3 ta' Settembru 2013.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-imputat *'beyond reasonable doubt,'* kif gie deciz fil-kawza '**Il-Pulizija vs Bugeja**', fis-sitta w ghoxrin ta' Marzu l987***,*** filwaqt li minn naha l-ohra d-difiza imsahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-imputat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq jew/u bilanc ta' probabilita', jigifieri jekk huwa probabbli li setgha gara dak li gie rrakkuntat mill-imputat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le. Fil-fatt fis-sentenza moghtija fis-sitta ta' Mejju, 1961, fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**' u ohrajn mill-Appelli Kriminali gie tenut li:

*"Circumstanial evidence is very often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Il-Prosekuzzjoni kellha dover taghmel dan sabiex tipprova l-kaz taghha b'certezza morali u minghajr l-ebda dubbju dettat mir-raguni. Trid dejjem iggib l-ahjar prova u dan biex tikkonvinci moralment lil Qorti minn dak kollu li tkun qed tallega kontra l-imputat fil-kawza.

Il-Qorti tinnota li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant lil min jaghti affidament miz-zewg versjonijiet daqxejn opposti. Iz-zewg protagonisti, l-imputat u l-allegati vittmi familjari tieghu jaghtu verzjonijiet opposti dwar il-fatti importanti ghal dan il-kaz u ghalhekk wahda minn dawn ix-xhieda ghandha tigi skartata jew ahjar mhux emmnuta in toto, eskluz naturalment l-possibilita' tad-dubbju ragjonevoli li jmur favur l-imputat.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehh l-incident, dik proposta mill-allegata vittmi Maria Elena Mifsud, Tiziana Mifsud u Clinton Mifsud li fi ftit kliem jghidu li gew aggrediti mill-imputat u li sahansitra l-imputat anke kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq martu Maria Elena Mifsud u dik proposta mill-imputat li jghid li huwa kellu jiddefendi ruhu mill-aggressjoni zejda ta' martu, ibnu u Tiziana Mfsud.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta' zmien u ghalhekk hija f'posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**':

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk l-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lill-imputat.

Fir-rigward l-ewwel l-akkuza l-imputat gie akkuzat talli ikkaguna hsara volontarja fuq l-vettura tal-ghamla Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni KRN 307 ghad-dannu ta' Clinton Mifsud u dan fl-ammont ta' tmien mija u tmienja u sebghin ewro u sitt centezmi (€878.06). Jirrizulta li l-vettura Toyota Hilux numru ta' registrazzjoni KRN 307 hija proprjeta' ta' Clinton Mifsud u dan skond ix-xhieda moghtija minnu liema xhieda ma gietx kontestata mill-imputat. Jirrizulta ukoll li bhala fatt din il-vettura kellha diversi daqqiet fuqha dakinhar li giet ezaminata minn Johann Borg impjegat mas-socjeta' Michael Debono Ltd u cioe' nhar il-5 ta' Lulju 2012. Fil-fatt minn ezami tad-dokument esebit fl-atti a fol. 48 immarkat bhala Dok CF 6 hemm indikat il-hsarat li kien hemm fil-vettura u kemm kienet l-ispiza sabiex tittranga din il-hsara u cioe' l-

ammont ta’ €878.06. Ix-xhieda u cioe’ Maria Elena Mifsud li tghid li rat lil zewgha jaghti bil-kanna fuq il-vettura ta’ binha ex admisses tghid “*Mistoqsija jekk rajtx lir-ragel jaghti daqqiet fuq il-vann, tghid li iva meta nizlet, ratu li kien ghadu qed jaghti d-daqqiet”*. Tiziana Mifsud tghid li hija kienet fil-gallerija meta Joseph Mifsud wasal fuq il-post u rat li kellu f’idejh kanna. Mistoqsija jekk ratx lill-imptutat jaghti daqqiet tghid li ratu jaqsam it-triq bil-kanna f’idejh u jaghti daqqiet fuq il-karozza. Clinton Mifsud jghid li ma rax lil missieru l-imputat ikissirlu l-vettura izda meta staqsieh ghaliex kien kissirlu l-karozza, Clinton jghid li missieru qallu li ghamillu hekk ghax ma ridx jaghtih lura il-camera li kien ha ftit qabel minghand Oliver Abela li kien qed isegwi il-passi ta’ ommu. Issa Johann Borg jghid li d-daqqiet li kellha l-vettura kienu friski. Meta l-imputat gie msitoqsi kif gew ikkagunati l-hsarat fuq il-vettura ta’ ibnu dan ex admisses jghid li “*l-vann ta’ Clinton kien rah meta mar fuq il-post. Pero’ l-vann ma tax kasu u lanqas id-daqqiet ma ra, fl-ebda hin ma nduna bid-daqqiet*”. Ghalhekk zgur li tali spjegazzjoni moghtija mill-imputat mhix wahda gustifikata u m’ghandhiex mis-sewwa.

Dwar il-quantum tal-hsara id-difiza sostniet li l-istima esbita fl-atti kienet wahda ex parte u ghalhekk din il-Qorti m’ghandhiex prova dwar il-quantum tal-hsara. Il-Qorti ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Stephen Tonna**’, deciza fid-29 ta Settembru 2010 fejn f’dik is-sentenza il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ghall-Appell Kriminali fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Joseph Zahra**’, deciz fl-24 ta’ Frar 2003 fejn f’dik il-kawza kien hemm aggravju simili dwar stima u l-Qorti qalet is-segwenti:

“L-*istima … hija opinjoni ex parte u mhux ta’ perit nominat mill-Qorti. Fin-nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma’ l-Artikolu 335 ta’ l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista’ jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid*

*kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara*.**"**

Il-Qorti tiddikjara illi ghalkemm tali prova hija wahda ex-parte, id-difiza ma ghamlet xejn sabiex iddghajjef tali prova u lanqas fil-fatt ma talbet ghal xi nomina ta' espert u ghalhekk tali akkuza tirrizulta provata sodisfacentement.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat talli ikkawza ferita ta' natura hafifa fuq il-pesuna ta' martu Maria Elena Mifsud u dan skond kif iccertifika Dr L Gatt.  Jinghad li l-allegat vittma mart l-imputat spjegat kif effettivament zewgha l-imputat kien hebb ghaliha. Fil-fatt ex admisses tghid:- *"li r-ragel taha daqqa ta' ponn go widnejha, u ghamlet erba' sieghat ma tismax u qaltlu* '*taf li erfajt idek fuqi?*' u qalilha '*ersaq l-hemm ghax naghtik ohra fuq tan-naha l-ohra*'. Issa dwar din il-verzjoni PS 1157 Bertly Aquilina kkonferma li a tempo vergine tal-investigazzjoni huwa kien fuq il-post ghaliex kien mar jinvestiga il-complaint li kien dahal l-ghassa u mistoqsi jekk rax xi hmura fuq wicc Maria Elena qal li ra. Clintion Mifsud jghid li huwa minnu li missieru l imputat refa' idejh fuq ommu billi taha daqqa ta' ponn.  Minn naha l-ohra l-imputat meta mistoqsi jekk kienx ta xi daqqa lill-mara jghid li meta kien qed jigi mizmum minn ibnu bil-kanna u jista' jkun li xejjer idejh u laqat lill-mara.  Din hi l-unika spjegazzjoni li jaghti ghar-rigward tal-ferita li sofriet martu Maria Elena Mifsud. Il-Qorti ezaminat ic-certifikat mediku rilaxxjat mit-tabib Dr. L Gatt datat 4 ta' Lulju 2012 u cioe' rilaxxjat fil-jum tal-incident ghall-habta tas-1.00p.m. u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li Maria Elena Mifsud dakinhar kellha ugiegh f'widnejha x-xellugija b'nuqqas ta' smiegh.  In oltre t-tabib innota li kellha hmura u nefha u kklasifika dawn il-griehi bhala ta' natura hafifa. Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'l fuq, din l-akkuza tirrizulta provata b'mod sodisfacenti.

Dwar it-tielet akkuza l-imputat gie akkuzat talli hebb ghal Maria Elena Mifsud, Clinton Mifsud u Tiziana Mifsud sabiex idejjaqhom u / jew jaghmillhom hsara.  Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Mejju, 1997

fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Pace**' fejn gie deciz li:

"*Din il-kontravenzjoni kontra persuna ohra sabiex tingurja, ddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, biex il-persuna thebb, ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita ta' tali kuntatt permezz ta' manifestazzjoni ta' forza fizika ndirizzata lejn dik il-persuna.*"

Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' hebb u cioe':

"*Attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such other person or persons.*"

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda ombra ta' dubbju li l-imputat kien mar ifittex lill-ibnu sabiex jiehu minghandu l-camera tar-ritratti ta' Oliver Abela u dan billi mar ifittxu hdejn id-dar ta' ibnu. Inzerta li ghand ibnu Clinton kien hemm martu Maria Elena u mart ibnu Tiziana lkoll Mifsud. L-imputat minn barra, taht il-gallerija tal-apparament taghhom, beda jghajjat u jdejjaqhom u jinsisti li jiehu lura l-camera u meta Clinton qallu sabiex imur ghand il-pulizija qallu li kien ser ikissirlu l-karozza u kien ghalhekk li Clinton nizel minn gewwa daru. Dan il-komportament tal-imputat zgur li jammonta ghal 'hebb' molto piu' meta tqis li sahansitra anke spicca gie fl-idejn ma' Tiziana u Maria Elena. Din il-kontravenzjoni tirrizulta wkoll.

Dwar ir-raba' akkuza u cioe' li l-imputat qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku, il-Qorti tirrileva li l-uniku xhud li stqarr li l-imputat ghamel dan kien mart l-imputat li ma tantx elaborat fuq dan lanqas ghax qalet biss li beda jghajjat u jidghi pero' x'qal b'mod partikolari ma tghidx u hadd mix-xhieda l-ohra ma jghid li sema xi dagha u ghalhekk din l-akkuza mhux provata b'mod sodisfacenti.

Dwar il-hames akkuza u cioe' li gie akkuzat li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fis-sbatax ta' Ottubru, 1997 mill-Qorti

tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Pio Galea'** fejn inghad li:

"*Biex ikun hemm dawn il-kontravenzjonijiet irid ikun hemm, bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, inissel imqarr minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat,) dwar l-inkolumita ta' proprjeta, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*"

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Pleadings (pagna 2549)** jikkwota dak li qal L. J. Romar fil-kawza fl-ismijiet **'AG vs PYA Quarters Limited'** u cioe':

"*It is clear in my opinion that any nuisance is 'public' which materially affects the reasonable comfort and niusance of life of a class of Her Majesty's subject.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-ktieb ***The Criminal Law of Scotland*** (pagna 985 - para. 4101) ta' Gerald H. Gordon kwotat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Rita Palmier',** deciza fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju, 1998 fejn hemm tifsira ta' x'jikkostitwixxi 'paci pubblika'.

"*Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case... although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone. Such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance.*"

Issa fil-kaz in-ezami li l-imputat beda jghajjat fit-triq pubblika nhar l-4 ta' Lulju 2012 ghall-habta tad-disgha neqsin ghoxrin ta' filghaxija tant li l-familjari tieghu semghuh jghajjat minn go darhom, jammonta ghall-kontravenzjoni in desamina u ghalhekk din tirrizulta provata.

L-imputat gie wkoll akkuzat talli ikkaguna lil Maria Elena Mifsud, Clinton Mifsud u Tiziana Mifsud biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra il-proprjeta' taghhom - l-akkuza naxxenti mill-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Julian Genovese**', deciza fit-12 ta' Awwissu 2010 mill-Qorti ta' l-Appell fejn inghad li sabiex dan ir-reat jissussisti hemm bzonn certament ta' "course of conduct" – kif spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-24 ta' April 2009 fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Raymond Parnis' –** li jwassal lil dak li jkun li jibza' li kienet ser tintuza vjolenza kontra tieghu.

Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Edmond Cuschieri) v. Brian Micallef**', deciza fl-14 ta' Ottubru 2011 mill-Qorti ta' l-Appell , l-imputat kien gie liberat minn din l-akkuza ghaliex dak li kien gie ppruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setghet qatt twassal ghal sejbien ta' htija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skont l-appellant "l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika tal-anqas zewg okkazzjonijiet. In sostenn tat-tezi tieghu l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Raymond Parnis'** tal-24 ta' April 2009. F'dik is-sentenza gie rilevat li r-reat *de quo* gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act*, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions".

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar**', deciza fl-24 ta' Jannar 2011 mill-Qorti ta' l-Appell gie deciz li:-

*"L-ewwel net dwar il-punt tad-dritt. L-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali juża l-kelma 'imgieba ' fit-test Malti u 'course of conduct' fit-test Ingliż. Aktar 'l isfel fl-istess artikolu sibu l-kliem 'tkun taf li l-imgieba tagħha se tikkaguna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'.*

Ghalhekk biex ikun hemm htija taht l-Artikolu 251B irid ikun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem **"lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet"**. Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-Artikolu 251B xorta wahda.

F'dan il-kaz kien hemm incident wiehed fl-4 ta Lulju 2012, u ghalhekk stante lifil-proceduri odjerni wiehed ma jistax jitkellem dwar *a course of conduct* din l-akkuza ma tirrizultax.

Fl-ahhar nett l-imputat gie akkuzat talli hedded lil Clinton Mifsud b'xi delitt u din tirrizulta ampjament u dan ghaliex l-imputat kien hedded lil Clinton Mifsud li jekk ma jaghtihx il-camera kien ser ikissirlu il-vettura u Clinton ma tahx l-camera u l-imputat vermaent kissirlu l-vettura. Ghalhekk din il-kontravenzjoni hija ben provata.

Dwar l-akkuza ta' recidiva f'din il-kawa giet esebita biss il-fedina penali tal-imputat li hija wahda reflettarja b'diversi akkuzi fuqha fejn l-imputat instab hati pero' ma giet esebita l-ebda sentenza li nghatat fil-konfront tieghu u ghalhekk din l-akkuza ma tistax tirrizulta provata.

Dwar il-piena il-Qorti rat li dawn l-akkuzi gew kommessi fil-konfront ta' membri tal-familja tieghu stess u appuntu martu, ibnu u mart ibnu u m'hemmx wisq x'jinghad f'dan ir-rigward li dawn ir-reati maghrufa bhala domestic violence dejjem qed jizdiedu minnflok jonqsu. Dawn l-akkuzi huma koroh di natura ghaliex huma kommessi kontra min fir-realta' wiehed ghandu jipprotegi. Invista ghalhekk tal-fedina penali reflettarja tal-imputat u in vista li dawn ir-reati gew kommessi fil-konfront ta' membri tal-familja tieghu stess, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tuza l-id iebsa u tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja effettiva.

**Ghalhekk din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 221(1), 249(2), 251B(1), 325(b), 338(bb), 339(dd) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat JOSEPH MIFSUD hati**

**tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-hames (5) u s-sebgha (7) akkuza u tikkundannah sitt xhur prigunerija effettivi filwaqt li ma ssibux hati tar-raba' (4), is-sitt (6) u t-tmien (8) akkuza u tilliberah minnhom.**

**Inoltre, tordna li ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat ihallas, fi zmien sitt xhur mil-lum, l-ammont ta' tmien mija u tmienja u sebghin ewro u sitt centezmi (€878.06) lill-ibnu Clinton Mifsud ghad-danni sofferti minnu fil-vettura tieghu u dan skond l-istima mahruga minn Johann Borg esebita fl-atti a fol 48.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------